**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LII**
**Appell Nru: 5/2001**

**Il-Pulizija ( Asst. Kummissarju Michael Cassar)**

**Vs**

**SAMUEL RITCHIE**

**Illum, 25 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Samuel Ritchie talli :

1. Matul l-ahhar tlett xhur qabel il-5 t'April, 1994, xjentement ghen jew assista lil Robert Borg (l-awtur tad-delitt) fl-atti li bihom id-delitt gie preparat jew ikkunsmat meta dan Robert Borg forna jew ipprokura d-droga **kokaina**, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jforni d-droga w minghajr ma kien fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ;
2. Matul ix-xhur ta'Jannar, Frar, Marzu, 1994, f'hinijiet diversi, f'Malta kellu fil-pussess tieghu d-droga **kokaina**, kif specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), meta ma kienx fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'Malta li

jkollu d-droga fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ;

**3.** Matul it-tlett xhur qabel il-5 t'April, 1994, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, jew iffinanzja, din l-assocjazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 22 (f) tal-Kap. 101 ;

**4.** F'Marzu, 1994, kellu fil-pussess tieghu d-droga **eroina**, kif specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja mill-President ta'Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ;

**5.** F'Marzu, 1994, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura, id-droga **eroina**, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta, li jforni d-droga w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101).

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fil-5 ta'Jannar, 2001, li biha sabet lill-Samuel Ritchie hati ta'dawn l-akkuzi kollha, u, ghalhekk, ikkundannatu ghal piena ta'prigunerija ta' erba' (4) snin, mill-liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu kien mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll ghall-Multa ta' Lm2,000. Ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-Dokument MC 1 a kura ta' l-Ispizjar Mario Mifsud nominat ghal dan il-ghan.

Rat ir-rikors t'appell ta'Samuel Ritchie datat 11 ta'Jannar, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah mill-akkuzi kollha mressqa kontrih.

Rat l-aggravji ta’ l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi essenzjalment dak li qed jilmenta minnu l-appellant Samuel Ritchie hu li, skond hu, l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament hazin tal-provi mressqa quddiemha u li kienet waslet sabiex issib u tiddikjara htija fih in bazi ta’ deduzzjonijiet jew assunzjonijiet li ma jirrizultawx mix-xhieda moghtija.

Effettivament l-ewwel aggravju ta’ l-appellant jikkoncerna kollu kemm hu x-xhieda moghtija minn certu Robert Borg, li l-appellant isejjah bhala ‘junkie’ ghaliex kien stradat sewwa fil-vizzju jew abbuz tad-droga kokaina. Ix-xhieda ta’dan Robert Borg, u xi provi ohra cirkostanzjali, waslet lill-ewwel Qorti sa dak il-grad tal-konvinciment morali sabiex issib u tiddikjara htija fl-appellant fl-ewwel tlett akkuzi, u cioe’ dawk li bihom hu jinsab akkuzat (**1**) b’komplicita’ ma’ dan Robert Borg fit-traffikar tad-droga kokaina, (**2**) il-pussess illegali tad-droga kokaina, u (**3**) l-assoccjazzjoni tieghu ma’ dan Robert Borg sabiex flimkien jittraffikaw din id-droga.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant hu dwar il-provi li tressqu li bis-sahha taghhom hu gie misjub u dikjarat hati fuq ir-raba u hames akkuzi, cioe’ dawk ta’ (**a**) pussess illegali tad-droga eroina, u (**b**) traffikar ta’din id-droga eroina. Hawnhekk tidhol x-xhieda ta’ certu Victor Zammit li in bazi taghha l-ewwel Qorti hassitha moralment konvinta mill-htija ta’ l-appellant f’dawn iz-zewg akkuzi.

It-tielet u l-ahhar aggravju ta’ l-appellant jikkoncerna l-piena mposta fuqu mill-ewwel Qorti li, fil-fehma tieghu, kienet wahda harxa wisq.

Ghall-fini ta’ pratticita’, din il-Qorti l-ewwel sejra tittratta t-tieni aggravju ta’ l-appellant, dak li jirrigwarda r-raba u l-hames akkuzi dedotti kontrih li taghhom gie misjub hati principalment in bazi tax-xhieda moghtija minn Victor Zammit.

Anke hawnhekk, l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti qatt ma setghet tasal sabiex issib htija fih in bazi tax-xhieda moghtija minn din il-persuna. Hu jallega u jghid li dak li qal dan ix-xhud meta nstabu fuqu xi sitt sachets tad-droga eroina wara li kien appena hareg mir-residenza ta’ l-appellant f’Marzu, 1994, kienet biss bhala tpattija w vendikazzjoni ghaliex xi zmien qabel, meta l-appellant kien ghadu fil-korp tal-pulizija, hu kien arresta lill-istess Victor Zammit u lil huh fuq suspett ta’ xi serq. Hu veru li fil-passat l-appellant kien fil-fatt arresta lil dan ix-xhud u lil huh minhabba xi suspetti ta’serq, izda l-Qorti ma ssib ebda hjiel ta’prova, imqarr fuq bazi ta’ probabbilta’, li aktar iva milli le, li din kienet xi forma ta’ vendikazzjoni jew tpattija minn dan ix-xhud lejn l-appellant.

Hu possibbli li, kif qed jallega l-appellant, din setghet kienet xi vendikazzjoni, pero', kif hu ben saput, il-grad tal-possibbli ma jiswa xejn. L-appellant, jekk ried isostni dan li qed jallega, kellu jressaq provi sabiex johloq id-dubju ragjonevoli f'din il-verzjoni ta'Victor Zammit, cioe' li b'dawk il-provi li setgha ressaq, jew bid-domandi in kontro-ezami ta' dan i-xhud u bir-risposti li dan setgha jghati ghal dawk id-domandi, jew bl-argumentazzjonijiet tieghu tramite l-avukat difensur, iwassal lill-Qorti imqarr sal-grad tal-probabbli li kien hemm din il-vendikazzjoni. L-appellant qieghed biss jallega w jippresuponi li hekk gara minhabba il-passat tieghu meta kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala membru fil-korp tal-pulizija, haga li pero' bla ebda mod ma rnexxielu jipprova imqarr sal-grad tal-probabbli jew li jnissel id-dubbju ragjonevoli fil-verzjoni moghtija mix-xhud Victor Zammit.

Din il-Qorti ma tara xejn hazin jew zbaljat fl-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti ta'dan ix-xhud u kull prova ohra relattiva ghar-raba w l-hames akkuzi. Kien apprezzament tajjeb, maghmul kif trid il-ligi, u din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida legalment ghaliex ghandha tvarja xi haga minn dak l-apprezzament u mill-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda dawn iz-zewg akkuzi  migjuba kontra l-appellant. In bazi tal-provi li l-ewwel Qorti semghet u kif apprezzathom, dejjem riferibbilment ghal dawn iz-zewg akkuzi, din il-Qorti tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom sabiex issib u tiddikkjara htija fl-appellant fihom. Ghalhekk dan it-tieni aggravju ta' l-appellant huwa respint.

Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina l-ewwel aggravju ta' l-appellant, li jirreferi principalment ghax-xhieda moghtija minn Robert Borg b'riferenza ghall-ewwel, it-tieni w t-tielet akkuzi dedotti kontra l-appellant.

Ghandu jinghad li l-ewwel Qorti sabet u dikjarat htija fl-appellant f'dawn l-akkuzi mhux biss in bazi tax-xhieda moghtija minn dan Robert Borg, izda ukoll in bazi tax-xhieda ta' Alfred Sammut, maghruf bhala 'Il-Limestone', u provi cirkostanzjali ohra bhal, per ezempju, id-diversi oggetti misjuba fir-residenza ta' l-appellant li fihom irrizulta li kien hemm tracci tad-droga kokaina skond ir-rapport ta' l-espert forensiku Dr. Anthony Abela Medici.

Ghal dik li hija **t-tieni akkuza** dedotta kontra l-appellant, dik li matul ix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu, 1994, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa dovuta l-provi kollha fl-atti, tara li taqbel ma' l-apprezzament ta' l-istess provi li kien sar mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Tara, ghalhekk, li in bazi ta'dawk il-provi, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom u ssib u tiddikjara htija fl-appellant f'din it-tieni akkuza dedotta kontrih, dik ta' pussess illegali tad-droga kokaina. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li xejn ma hi veritiera l-verzjoni ta' l-appellant li dawk l-oggetti li nstabu fir-residenza tieghu, u li fihom nstab li kien hemm tracci tad-droga kokaina, ma kienux tieghu izda kienu thallew hemm minn Alfred Sammut meta dan mar ghandu biex ikellmu dwar in-negozju ta' xi karozza. Anke jekk, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss, hu minnu li dawk l-oggetti ma kienux ta' l-appellant, gja' la darba hu kien

jaf, kif fil-fatt xehed u stqarr li kien jaf, li dawk kienu oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga, u b'dana kollu zammhom ghandu, allura, f'dan l-agir ta' l-appellant jikkonfigura r-reat ta'pussess ta'droga. Is-semplici fatt li nstabu dawn l-oggetti ghandu u li f'xi whud minnhom kien hemm trab abjad li rrizulta li kienet kokaina, kienu ta' min kienu dawk l-oggetti, jekk l-appellant kien jaf li dawk kienu oggetti konnessi mad-droga, kif fil-fatt jirrizulta 'ex admissis' li kien jaf, u, b'dana kollu volontarjament zammhom fil-pussess tieghu, allura, hemm dan ir-reat taht din it-tieni akkuza. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, u anke il-Prosekuzzjoni fin-Nota ta'osservazzjonijiet taghha, xejn ma jagevola jew jibbenefika lill-appellant meta jghid li ghalkemm kien jaf li dawk kienu oggetti konnessi ma' l-abbuz tad-droga, hu ma kienx heles minnhom ghaliex ma kienux tieghu. Din hija spjegazzjoni li ma tikkonvinci assolutament xejn. Aktar u aktar meta hu zmien qabel kien fil-korp tal-pulizija u, ghalhekk, kien jaf f'liema perikolu kien meta dehrlu li kellu jzomm fil-pussess tieghu dawk l-oggetti. Pero', bhal ma qalghet l-ewwel Qorti, anke din il-verzjoni ta' l-appellant, ghalkemm legalment ma tiswa xejn, ma titwemminx. Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, din il-Qorti taqbel li, ghal dak li jirrigwarda <u>t-tieni akkuza</u>, in bazi tal-provi relattivi prodotti w kif apprezzati minn l-ewwel Qorti, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib u tiddikjara htija fl-appellant f'din l-akkuza ta'pussess illegali tad-droga kokaina.

Jibqa' l-ilment ta' l-appellant f'dan l-ewwel aggravju tieghu b'riferenza ghall-<u>ewwel u t-tielet akkuzi</u> dedotti kontrih, cioe', (**1**) dik li kien komplici ma'Robert Borg (l-awtur tad-delitt) fit-traffikar tad-droga kokaina, u (**2**) dik li assocja ruhu mieghu sabiex jittraffikaw medicina perikoluza.

Hawnhekk jidher li prattikament kollox hu bazat fuq ix-xhieda moghtija minn dan Robert Borg, li l-appellant isejjah bhala 'junkie', persuna li, dejjem skond l-appellant, kienet tant mahkuma w maqbuda fil-fond fil-vizzju tad-droga kokaina li kien ferm facli ghaliha li tipprova tibbenefika mill-klemenza tal-Qorti billi tinvolvi jew iccappas f'din l-attivita' illegali taghha persuni ohra innocenti. L-appellant jghid li fil-fatt hekk gara ghaliex fil-proceduri kontra dan Robert Borg fuq akkuzi ta'traffikar ta' droga, Borg kien ibbenefika mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 billi semmieh bhala l-persuna li minghandu kien jixtri jew jittraffika d-droga kokaina, u ta hekk wehel biss multa ta' Lm2000 u l-ebda piena karcerarja.

Jinghad mal-ewwel li din il-Qorti mhiex sejra toqghod tezamina jew tara jekk s-sentenza fil-proceduri ta'Robert Borg li qed isemmi l-appellant kienetx wahda gusta jew le fil-konfront ta' dan Borg. Dan ma jinteressahiex. Bhal ma jinteressahiex jekk dan Borg ibbenefikax jew le mill-klemenza tal-Qorti fil-proceduri kontrih. Dawn m'ghandhom ebda rilevanza fil-proceduri in ezami kontra l-appellant Samuel Ritchie, u l-argument tieghu f'dan ir-rigward ghalhekk mhux sostenibbli.

Li jinteressa lil din il-Qorti, mill-banda l-ohra, hu jekk l-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti w li gew analizzati w apprezzati minnha, specjalment ix-xhieda ta'dan Robert Borg, kienux tali li in bazi taghhom dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni li fil-fatt waslet ghaliha.

Din hi precizament l-funzjoni ta' din il-Qorti ta'Revizjoni. Din il-Qorti mhiex qedha hawnhekk sabiex mill-apprezzament tal-provi li tghamel hi, tara x'decizjoni kienet tasal ghaliha hi daqs li kieku kienet xi Qorti ta'Prima Istanza, u rrespettivament mid-decizjoni li tkun hadet qabel l-ewwel Qorti. Jista' jaghti l-kaz li din il-Qorti, f'xi kazijiet, kieku kellha tiddeciedi bhala Qorti ta'Prima Istanza, kienet forsi tasal ghal xi decizjonijiet differenti minn dawk milhuqha mill-ewwel Qorti; pero', jerga' jinghad, din mhiex il-funzjoni ta' din il-Qorti. Il-funzjoni taghha hija wahda purament ta' revizjoni, li tara jekk l-ewwel Qorti, in bazi ta' l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet, setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni jew decizjoni li tkun hadet, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, dik id-decizjoni jew konkluzzjoni ma tkunx necessarjament bhal ta'din il-Qorti li kieku din il-Qorti kellha l-funzjoni bhal dik ta' l-ewwel Qorti.

Din il-Qorti trid tara, ghalhekk, jekk l-ewwel Qorti kienetx ghamlet apprezzament tal-provi zbaljat jew hazin, b'konkluzzjonijiet logikament daqstant zbaljati wkoll, bhal ma qed jirritjeni li ghamlet l-appellant. Trid tara jekk dik il-Qorti interpretatx b'mod skorrett xi punt ta'ligi. Hu propju ghalhekk li din il-Qorti tghamel l-apprezzament taghha tal-provi sabiex tasal biex taqdi din il-funzjoni taghha ta'revizjoni w mhux biex tirrimpjazza b'taghha d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'dan l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet. Din il-Qorti eccezzjonalment tasal sabiex tirrimpjazza din id-diskrezzjoni ta'l-ewwel Qorti b'taghha jekk jidhrilha, kif intqal, li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-apprezzament tal-provi li ghamlet, jew li, in bazi ta' dawk il-provi, dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li tkun waslet ghalihom.

Sabiex taqdi din il-funzjoni, din il-Qorti trid ukoll izzomm f'mohha li l-ewwel Qorti kienet f'posizzjoni ferm aktar vantagguza minn din il-Qorti meta giet sabiex tghamel l-apprezzament taghha tal-provi kollha. Kontrarjament ghal din il-Qorti, l-ewwel Qorti tkun ghexet il-process gudizzjarju kollu tul certu zmien, kellha l-hin kollu sabiex tanalizza sewwa u dettaljatmanet, u/jew kull meta jkun hemm bzonn, ix-xhieda kollha li semghet hi taht gurament u 'viva voce'. Fi ftit kliem kellha l-mezzi kollha li tghati l-ligi sabiex tara xhud kemm hu kredibbli, f'hiex hu kredibbli, jekk kienx qed jghid il-verita' kollha, jew parti verita' u parti le, tezamina l-komportament tieghu fil-pedana tax-xhieda, tara x'interess setgha kellu xi xhud meta xehed bil-mod li xehed quddiem dik il-Qorti, u kriterji ohra.

Mill-banda l-ohra, din il-Qorti ta'revizjoni ma kellhiex dawn l-opportunitajiet li kellha l-ewwel Qorti f'dan l-ezercizzju ta'analizi w apprezzament tal-provi. Din il-Qorti trid toqghod biss fuq il-provi kif huma traskritti fl-atti w tisma dak li ghandhom jghidu verbalment l-avukati taz-zewg nahat.

Ghalhekk mhiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeciedi mill-gdid fuq il-provi li hemm daqs li kieku qatt ma kien hemm xi decizjoni precedenti fuq dawk l-istess provi. Ghalhekk dak li ghandha tghamel din il-Qorti hu biss li tara jekk l-apprezzament ta' dawk il-provi maghmul mill-ewwel Qorti kienx wiehed li in

bazi tieghu dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghad-decizjoni li tkun hadet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi, kif gja' intqal, ghal dak li jirrigwarda l-akkuzi kontra l-appellant dwar l-allegata komplicita' tieghu ma' l-awtur tad-delitt Robert Borg sabiex tigi traffikata d-droga kokaina, kif ukoll ta' assoccjazzjoni mieghu sabiex jittraffikaw medicina perikoluza, l-ewwel Qorti tidher li strahet esklussivament fuq ix-xhieda moghtija minn dan Robert Borg. Jigi rilevat li dan Borg kien gja' rrilaxxja stqarrija tieghu guramentata quddiem Magistrat Inkwirenti fejn semma w implika lill-appellant f'attivita' li tinkwadra ruha sewwa f'dawn iz-zewg reati lilu addebitati, liema stqarrija hu rega' ikkonferma bil-gurament waqt dawn il-proceduri fl-istadju ta' l-Istruttorja, u anke waqt il-proceduri li kienu ttiehdu kontrih. Fil-fatt, dan Borg kien ikkonferma din il-verzjoni tieghu li tinkrimina lill-appellant xi erba jew hames darbiet.

L-appellant jghid li dak li qal dan ix-xhud fuqu kien kollu gideb u jirritjeni li dan kien ghamlu sabiex jibbenefika mill-klemenza tal-Qorti fil-proceduri kontrih, kif fil-fatt gara meta wehel Multa biss u l-ebda piena karcerarja fuq akkuzi ta'traffikar u pussess tad-droga kokaina. L-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti kienet zbaljata li tghati affidament lil dan ix-xhud meta kienet haga maghrufa sew u notorja li dan Borg kien persuna stradata sew fil-vizzju tad-droga u li, ghalhekk, kien jaqbillu jew facli ghalih li jwahhal f'xi hadd biex jinghata il-beneficcju ta' mitigazzjoni fil-piena. It-tezi ta' l-appellant hi li meta dan Borg gie kontro-ezaminat waqt dawn il-proceduri, hu wera inkonsistenza kbira fix-xhieda tieghu. Sabiex juri li dan Borg kien gideb fuqu, l-appellant ipprezenta tape-recording li hu kien ghamel meta kien kellem lil-dan ix-xhud waqt il-proceduri kontrih minnfejn, skond l-appellant, jirrizulta li dan Borg kien ammetta li stqarr xi affarijiet mal-pulizija dwaru li ma kienux veru w li ried imur ghand l-avukat tieghu sabiex jara kif jista' jirranga s-sitwazzjoni b'mod li ma jigiex akkuzat fuq gurament jew xhieda falza.

Din il-Qorti ezaminat sewwa w bir-reqqa kollha mehtiega din ix-xhieda ta' dan Robert Borg. Jigi rilevat li hu minnu li fl-okkazzjonijiet kollha qabel ma gie kontro-ezaminat waqt il-prezenti proceduri, dan Borg kien inkrimina sewwa lill-appellant. Pero', ghandu jinghad li meta ghamel hekk, dan ghamlu meta l-appellant ma kienx prezenti w ghalhekk l-appellant ma kellu l-ebda opportunita' f'dawk l-okkazzjonijiet li jikkontrolla dak li kien qed jghid dwaru bil-gurament Robert Borg. Kien biss waqt dawn il-proceduri kontra l-appellant quddiem l-ewwel Qorti li dan Borg, specjalment meta gie kontro-ezaminat, u anke mistoqsi diversi drabi mill-ewwel Qorti, li deher li ma kienx daqstant cert mill-verzjoni tieghu bhal ma kien precedentement waqt proceduri ohra.

Ma hemm ebda dubju li fix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti, fejn xehed aktar minn darba, dan ix-xhud kulltant deher li kien qed jezita jew jittituba xi ftit, u anke f'xi waqtiet deher qiesu li kien qed ibiddel xi dettalji mill-verzjoni

originali tieghu. Fil-fatt kien hemm ukoll okkazzjonijiet fejn l-ewwel Qorti hasset li kellha twissih u tigbidlu l-attenzjoni li hu kien taht gurament u kellu jghid il-verita' kollha. Hu car li kien hemm mumenti meta l-ewwel Qorti dehret li ma kienetx qed thossha konvinta minn dan ix-xhud. Ma hemm ebda dubju li x-xhieda tieghu, f'xi mumenti hi xi ftit inkonsistenti.

Mill-banda l-ohra, mhux argument validu tad-difiza li dan ix-xhud ma jistghax jitwemmen f'xejn jew f'kull ma jghid ghaliex huwa 'junkie'. Anke jekk huwa 'junkie', jekk ix-xhieda tieghu, fis-sostanza taghha, twassal ghal konvinciment morali f'dak li qed jghid, allura, ix-xhieda tieghu tkun bizzejjed biex in bazi taghha tittiehed decizjoni.

L-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha ta'dan ix-xhud u, minkejja li ghal aktar minn darba weriet id-dubji taghha fuqu, fl-ahhar dehrilha li kellha tghatih kull affidament u tistrieh fuq ix-xhieda tieghu w tiskarta ghal kollox dak li qal l-appellant anke jekk forsi xi ftit korroborat fil-verzjoni tieghu mit-tape recording fuq imsemmi li qatt ma gie kontestat mill-prosekuzzjoni dwar l-awtenticita' jew veracita' tieghu.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni li kienet moralment konvinta mix-xhieda ta' dan Robert Borg wara li hadet il-hin kollu li dehrilha mehtieg biex hu jigi dettaljatament ezaminat, kontro-ezamint u anke mistoqsi diversi drabi mill-istess Qorti. Din ix-xhieda ta' dan Robert Borg ittiehdet f'aktar minn okkazzjoni wahda, u, ovvjament, imbaghad l-ewwel Qorti kkunsidrat din ix-xhieda flimkien mal-provi l-ohra mressqa, inkluzi dawk cirkostanzjali. Ma hemm ebda dubju li l-ewwel Qorti ghamlet id-deliberazzjoni taghha bir-reqqa w kif titlob minnha l-ligi, u fl-ahhar dehrilha, kunsidrat kollox, li minn dak li kien xehed dan Borg, minkejja l-inkonsistenzi li xi drabi wera, fis-sustanza jemergu l-fatti li bla ebda dubju dettat mir-raguni jinkriminaw lill-appellant anke fl-ewwel u t-tielet akkuzi.

Dan l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed regolari w ma hemm ebda raguni valida legalment ghaliex din il-Qorti ghandha tindahal fih jew tiddisturbah. Hu apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha w li, in bazi ta' l-istess, setghet ragjonevolment u legalment tasal biex issib htija fl-appellant fl-imsemmija zewg akkuzi.

Ir-reati li hawnhekk l-appellant hu akkuzat bihom huma serjissimi, u, ghalhekk, sabiex Qorti tasal biex issib htija fihom, huwa ferm necessarju li l-provi tal-prosekuzzjoni jkunu b'sahhithom sew b'mod li ma jhallu ebda dubju ragjonevoli f'mohh min ghandu jiggudika. Hu ferm ovvju, ghalhekk, li l-ewwel Qorti dehrilha li l-prosekuzzjoni kien irnexxielha tasal sa dan il-grad ta'prova. Ghalhekk dan l-aggravju ta' l-appellant huwa respint.

Dwar l-ahhar aggravju ta' l-appellant fejn qed jghid li l-piena nflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija harxa, hawnhekk, u bla ebda ezitazzjoni, din il-Qorti tghid li dik il-piena nflitta ma hi xejn eccessiva jew harxa. Meta wiehed iqis in-natura w gravita' tar-reati li taghhom l-appellant gie misjub hati, kif ukoll meta wiehed iqis li din l-attivita' organizzata kienet ilha ghaddejja ghal zmien konsiderevoli u kienet tinvolvi t-traffikar ta' l-eroina w l-kokaina, wiehed bilfors ghandu jasal

ghall-konkluzzjoni li dik il-piena kienet wahda ferm adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa respint.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad l-appell ta'Samuel Ritchie w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, inkluz kull ordni moghti mill-ewwel Qorti.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur